# Il-Ħadd 17.08.2014

1. Ilum il-Ħadd 17/08
   - Il-Każin Banda San Pawl jixtieq jistedinkom bejn id-9:00am u 12:00pm iżżuru d-dar li nxtrat mal-każin. Kulħadd huwa mistieden.

2. It-Tnejn 18/08
   - Il-Quddiesa tas-6:30pm issir quddiem iz-zuntier tal-Knisja ta’ Santa Marija. *(Filgħaxija ma jkollniex quddiesa fil-Knisja Parrokkjali).*

3. L-Erbgħa 20/08
   - Il-Quddiesa tas-6:30pm issir fiċ-Ċimiterju tal-Parroċċa tagħna iddedikat lill-Madonna ta’ Fatima u tkun b’suffraġġju għall-erwieħ ta’ qrabtna mejtin, fl-okkażjoni tal-Festa ta’ San Pawl. *(Filgħaxija ma jkollniex quddiesa fil-Knisja Parrokkjali).*

4. Il-Ġimgħa 22/08, Festa ta’ Marija Reġina, u Sultana tal-Paċi
   - Mis-7:00pm sat-8:15pm, fil-bitħa tas-Santwarju tal-Madonna fil-Mellieħa, ser issir Ružarju b’mumenti oħra ta’ talb għall-paċi fid-dinja u għall-Insara li qed jiġu ppersegwitati f’diversi pajjiżi. L-Isqfijiet Maltin jistednuna ningħaqdu magħhom.
   - Mit-8:30pm ’il quddiem, tittella’ Lejla Maltija fil-Pjazza tal-Knisja.

5. Is-Sibt 23/08
   - Il-Quddiesa tas-6:30pm tkun b’suffraġġju għall-erwieħ ta’ qrabtna mejtin, li mietu mill-festa tas-sena l-oħra ’l hawn, u għal ħutna mejtin li ħadmu għall-festa.
   - Mit-8:30pm ’il quddiem, tittella’ Lejla Maltija fil-Pjazza tal-Knisja.

6. Il-Ħadd 24/08:
   - Il-Quddiesa tat-8:15am tkun bis-sehem tal-membri tal-Għaqda tan-Nar ‘San Pawl’, u fiha nitolbu b’mod partikulari għalihom u għall-familji tagħhom biex il-Mulej, bl-interċessjoni ta’ San Pawl, iħarishom minn kull periklu tar-ruħ u tal-ġisem matul din il-ġimgħa speċjali tal-festa.
   - Il-Quddiesa tal-10:00am tkun biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija, u wara ssir il-Preżentazzjoni tat-trabi lill-Appostlu missierna San Pawl.
   - Mit-8:00pm ’il quddiem, Ikla fiċ-Ċentru Parrokkjali b’risq il-Festa.

7. Nitlob lill-koppji li qed jiċċelebraw l-10 / 20 / 25 / 30 / 40 / 50 Anniversarju taż-żwieġ tagħhom, kif ukoll lil dawk li żżewwġu minn wara l-festa tas-sena l-oħra ’l hawn biex jiġu jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali, minħabba l-quddiesa speċjali li ser ikollna għalihom nhar il-Ġimgħa 29/08, fl-Aħħar Jum tat-Tridu.

8. B’sinjal ta’ solidarjetà ma’ ħutna nsara li jinsabu għaddejjin minn ħafna tbatija, l-Isqfijiet Maltin qed jagħmlulna sejħa biex nitolbu għalihom u ngħinuhom, anke b’offerta żgħira. Kull min jixtieq jagħmel għotja għal dawn ħutna, speċjalment tal-Iraq, jista’ jagħmel dan billi jwassalha lili.

9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 100 bħala donazzjonijiet b’risq l-Insara ppersegwitati, speċjalment tal-Iraq;
   - € 350 bħala ġabra b’risq il-Festa ta’ San Pawl;
   - € 1525 bħala donazzjonijiet b’risq l-Arbural tal-Festa. Grazzi mill-qalb.